TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**ARBITRU**

**Dott. Deborah Schembri**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Novembru, 2023**

**Talba Nru: CCT52/23/DS**

**Graziella Bellizzi**

**Vs**

**Living Concept – Pro Concept Ltd.**

**It-Tribunal**

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fl-27 ta' Marzu, 2023 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata is-somma ta' ħamest elef Ewro (€5,000) riżarċiment minħabba kċina difettuża.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta fis-7 ta' Lulju, 2023. Hija ssostni illi t-talbiet huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għamlet numru ta' eċċezzjonijiet preliminari illi ser jiġu trattati f'din is-sentenza;

Ra r-rikors tal-attriċi intavolat fil-25 ta' Settembru, 2023 permezz ta' liema ntalbet il-prolazzjoni tas-sentenza fuq l-eċċezzjonijiet preliminari kif ukoll il-fakulta li jitressqu l-provi;

Ra r-risposta tas-soċjeta' attriċi;

Ra d-deċiżjoni ta' dan it-Tribunal;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x'kellhom xi jgħidu l-partijiet dwar l-eċċezzjonijiet preliminari u saret trattazzjoni dwarhom.

**Ikkunsidra**

Illi l-eċċeżżjonijiet preliminari in suċċint kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi ma ġewx osservati l-provvedimenti tal-Artikolu 79 tal-Kap 378 u cioe s-soċjeta' intimata ma ġietx interpellata b'att ġudizzjarju jew b'posta reġistrata fi żmien xahrejn minn meta ntebħet bin-nuqqas ta' konformita' minnha pretiż;
2. Illi l-attriċi naqset tippreżenta nota mid-Direttur għall-Affarijiet tal-Konsumatru jew għaqda tal-konsumaturi skont il-formalitajiet rikjesti mill-liġi biex jibdew il-proċeduri quddiem dan it-Tribunal. Din l-eċċeżżjoni fi stadju ulterjuri ġiet imwaqqa fil-konfront tas-soċjeta' attriċi u miżmuma biss fil-konfront tas-Sur Jeffrey Muscat;
3. Illi l-kawża hija perenta a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;
4. Illi l-eċċipjent fil-kapaċita' tiegħu personali mhux il-leġittimu kuntradittur;
5. Illi l-mobbli ma ġietx iddepożitata taħt l-Awtorita tal-Qorti skont il-liġi;
6. Illi r-rimedju mitlub huwa sproporzjonat.

Illi l-attriċi rribattiet illi :

1. Dwar l-ewwel eċċezzjoni ġew preżentati sensila ta' dokumenti mmarkati GB1;
2. L-kawża hija biss kontra l-kumpanija u mhux kontra s-Sur Jeffrey Muscat w'għaldaqstant din l-eċċezzjoni sorvolata;
3. L-azzjoni mhix preskritta;
4. L-azzjoni redibitorja ma kienetx a dispożizzjoni tagħha għaliex ma setgħetx tiddepożita l-oġġett u hija lesta tieħu l-flus lura;

**Ikkunsidrat**

Illi l-attriċi iddikjarat illi hija ndunat bid-difetti f'Ottubru, 2016.

**Deċiżjoni**

Illi dan it-Tribunal ser jgħaddi biex jitratta **l-ewwel eċċezzjoni** preliminari u cioe dik illi ma ġewx osservati l-provvedimenti tal-Artikolu 79 tal-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jgħid is-segwenti:

> *"79. Sabiex jibbenefika mir-rimedji disponibbli taħt din it-Taqsima, il-konsumatur għandu jinnotifika lill-bejjiegħ fuq mezz durabbli dwar kwalunkwe nuqqas ta' konformità f'perjodu ta' mhux inqas minn xahrejn mid-data li fiha l-konsumatur ikun induna b'tali nuqqas ta' konformità."*

"*Mezz durabbli*" skont Artikolu 72 tal-istess Kap 378 huwa deskritt bħala:

> *"kwalunkwe strument li jippermetti li l-konsumatur jew il-bejjiegħ jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lil dik il-persuna b'mod li hu aċċessibbli għal referenza futura, għal perjodu ta' żmien adegwat għall-iskopijiet tal-informazzjoni, u li jippermetti r-riproduzzjoni mhux mibdula tal-informazzjoni maħżuna;"*

Billi l-attriċi iddikjarat illi hija ndunat bid-difetti f'Ottubru, 2016 dak illi dan it-Tribunal jeħtieġ illi jiddeċiedi huwa jekk hemmx provi fl-atti illi l-attriċi nnotifikat lis-soċjeta' intimata dwar nuqqas ta' konformita fi żmien xahrejn u cioe qabel Diċembru tal-2016;

Illi l-avukat difensur tal-attriċi qal illi l-prova ta' dan għandha tinsab fis-sensila ta' dokumenti ppreżentati mill-attriċi u mmarkati bhala Dok GB1, għaldaqstant dan it-Tribunal analiżża dawn id-dokumenti u sab illi fl-ewwel paġna hemm dik illi tidher parti min email datata 28 ta' Ottubru, 2016 lil certu Manuel li tiegħu jidher parzjalment l-indirizz elettroniku "manuel.livingco..." u l-kliem "*Hi Manuel, din hij damage ta l-island*", jidhru ukoll diversi messaggi datati f'diversi perjodi fejn jidher ċar illi s-soċjeta' intimata permezz tar-rappreżentanti tagħhha kienu qiegħdin jippromettu li jinbidlu l-partijiet tal-kċina difettużi jew jikkomunikaw mal-attriċi dwar meta għandhom jaslu xi partijiet minn barra u kummenti oħra simili illi juri biċ-ċar illi l-attriċi mhux biss infurmat lis-soċjeta' attriċi fil-ħin stipulat bil-liġi iżda illi s-soċjeta' attriċi ma nnegatx illi kien hemm ħsarat u provat issewwihom. Kemm irnexxielha o meno mhux mertu da din id-deċiżjoni preliminari pero' a fini ta' eċċezzjoni preliminari dan it-tribunal ma jsibx konfort fit-teżi tas-soċjeta' attriċi u ser jgħaddi biex jiċħadha;

It-Tribunal jinnota illi **t-tieni eċċeżżjoni** preliminari hija sorvolata.

It-Tribunal ser jgħaddi issa biex jitratta **t-tielet eċċezzjoni** preliminari u cioe illi l-kawża hija perenta a tenur tal-Artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Primarjament l-attur invoka l-Artikolu 1431 tal-Kap 16 tal-Kodiċi Ċivili illi jgħid:

*"(1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqgħu bil-preskrizzjoni, għal dawk li huma immobbli, bl-egħluq ta' sena minn dak in-nhar tal-kuntratt, u, għal dawk li huma ħwejjeġ mobbli, bl-egħluq ta' sitt xhur minn dak in-nhar tal-kunsinna tal-ħaġa mibjugħa.*

*(2) Iżda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-ħaġa, iż-żminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx igħaddu ħlief minn dak in-nhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett.*

*(3) Iż-żminijiet tal-preskrizzjoni hawn fuq imsemmija jimxu kif jingħad fl-artikolu 1407(2)."*

Illi stante illi dan l-artikolu jissopponi l-azzjoni redibitorja jew l-azzjoni stimatorja, it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Vella għan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Rimus Riley Limited vs Anthony Migneco u Godwin Migneco għan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Medairco Limited deċiża fid-9 ta' Ġunju, 2005 mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili**, liema deċiżjoni ma ġietx appellata, li fiha ingħad is-segwenti u li stante li l-insenjament huwa wieħed propiżju għal din il-kawża t-Tribunal qiegħed jagħmlu tiegħu:

*"Ovvjament, mhux mistenni li hekk kif l-oggett jiskontra hsara, il-kompratur jiddeciedi li dak hu difett u jressaq mil-ewwel l-azzjoni redibitorja. Ma hux logiku li wiehed jirritjeni li, malli x-xerrej jirriskontra xi rregolarita' fil-funzjonament, jikkonkludi li din l-irregolarita' hi difett, li qed jirrendi l-apparrat minnu mixtri mhux tajjeb ghal uzu mahsub, u fil-pront jistitwixxi l-azzjoni, imma jidher aktar logiku li jinghad li f'kaz simili stante l-possibilita' li si tratta, mhux ta' veru difett, imma ta' semplici rregolarita' facilment riparabli, li x-xerrej jirrikorri lill-bejjiegh, biex dan, sija pure taht il-garanzija li soltu tigi rilaxxata ma bejgh ta' attrezzi simili, jipprovdi ghar-riparazzjoni. Din il-Qorti fil-kawza* ***"Briffa vs Bianchi", decisa fl-10 ta' Dicembru, 1986****, asservat li t-terminu ta' xahar jibda jghaddi mhux meta l-kompratur ikun jaf li l-oggett fih xi difett, izda min meta jkun jaf li l-oggett hu definitivament difettuz. Min naha l-ohra, meta d-difett jibqa' kostantement jimmanifesta ruhu fl-oggett u dana ghal-perjodu twil, il-kompratur ghandu jirrealizza li l-oggett kien definitivament difettuz u ghandu jagixxi kif trid il-ligi."*

Dan it-Tribunal jagħmel referenza wkoll għad-deċiżjoni fl-ismijiet **Carmelo Xuereb vs Nazzareno Azzopardi deċiża fil-21 ta' Ġunju, 1943 mill-Appell Kummerċjali** fejn ingħad:

*"Meta l-kwistjoni tkun qegħda taġġira ruħha fuq il-kwalita' tal-ħaġa mibjugħa, l-vizzju redibitorju u t-teorija relativa mhumiex applikabbli, preċiżament għaliex f'dawn il-kawżijiet, l-eżami għandu jaġġira ruħu fuq l-ewwel obbligazzjoni tal-venditur li għandu jagħti l-ħaġa skod il-kwalita' miftehma u f'kundizzjoni li kienet waqt il-bejgħ, u presumibilment fi stat tajjeb, mentri fil-każ tal-vizzji redibitorji ma jkunx hemm l-ebda kwistjoni fiq il-kwalita' tal-ħaga, iżda x-xerrej jippretendi illi, għalkemm l-oġġett huwa effettivament tal-kwalita' miftehma, iżda għandu go fih vizzji okkulti li jirrendih għalieh inutili."*

Illi tenut kont dak hawn fuq illustrat din l-azzjoni ma tistgħax titqies la waħda redibitorja u lanqas waħda stimatorja li joħorġu t-tnejn mill-garanzija ta' vizzji okkulti, iżda azzjoni sabiex il-bejjiegħ iġib l-oġġetti in mertu f'konformita' ma dak pattwit.

Illi l-Artiklu 74 jintitola lill-konsumatur f'dawn iċ-ċirkustanzi

*"...jkun intitolat li jkollu l-oġġetti miġjuba f'konformità jew li jirċievi tnaqqis proporzjonat fil-prezz, jew li jittermina l-kuntratt, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-artikolu u fl-artikolu 75."*

Il-bejjiegħ għandu jkun responsabbli lejn il-konsumatur għal kull nuqqas ta' konformita' li timmanifesta ruħha fi żmien sentejn mill-konsenja tal-oġġett. F'dan il-każ il-konsumatur kien għadu fiż-żmien preskritt mill-liġi illi jintavola din il-kawża.

Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija l-eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata ma tinsabx pruvata.

It-Tribunal jinnota illi **r-raba' eċċezzjoni** preliminari u cioe illi l-eċċipjent fil-kapaċita' tiegħu personali mhux il-leġittimu kuntradittur hija sorvolata peress illi l-kawża hija limitata għas-soċjeta' intimata u l-attriċi tikkonferma dan għalkemm forsi wieħed setgħa jkun żgwidat minn kif inkiteb l-okkju fit-talba;

It-Tribunal jinnota illi l-**ħames eċċezzjoni** u cioe dik illi l-mobbli ma ġietx iddepożitata taħt l-Awtorita tal-Qorti skont il-liġi hija eċċeżżjoni illi hija sorvolata mid-deċiżjoni illi dan it-Tribunal ha dwar eċċeżżjonijiet preliminari preċedenti stante illi din l-azzjoni m'hijiex ikkunsidrata waħda stimatorja jew redibitorja.

Illi fl-aħħar nett dan it-Tribunal ser jitratta **s-sitt u l-aħħar eċċeżżjoni** preliminari u cioe' dik illi r-rimedju mitlub huwa sproporzjonat. Bir-rispett kollu din l-eċċeżżjoni m'hijiex waħda preliminari li tista' tiġi deċiża qabel ma jinstemgħu il-provi stante illi jekk hijiex sproporzjonata jew le jiddependi mill-fatti speċi tal-każ illi għad iridu jinstemgħu quddiem dan it-Tribunal.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kapijiet 16 u 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi s-soċjeta' intimata fejn jidħlu l-eċċezzjonijiet kollha ħlief l-aħħar waħda, ma pruvatx l-eċċezzjonijiet tagħha suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk tiċħad l-istess eċċeżżjonijiet filwaqt li tirrizerva illi tiddeċiedi dwar l-aħħar eċċezzjoni u cioe' dik illi tirrigwarda l-isproporzjonalita' mas-sentenza finali.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi illi tiċħad l-ewwel ħames eċċezzjonijiet u tordna illi l-kawża tkompli b'dana illi fis-seduta illi jmiss il-partijiet għandhom itellgħu il-provi kollha tagħhom fuq il-mertu.

Bl-ispejjes kontra s-soċjeta' intimata.

**Deborah Schembri**
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

**Arbitru**